# RAPPORT TA' KULL XAHREJN

# RAPPORT NRU 14_3

# MEJJU SA GUNJU 2014

## 1.1 Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita'

1.1.1 Il-Bord tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilitá (KNPD) iltaqa' darbtejn matul dawn ix-xahrejn u ddiskuta dawn l-affarijiet:

- Parkegg riservat personalizzat
- Emendi fil-Ligi Opportunitajiet Indaqs
- Djar residenzjali fil-komunita
- Rigward id-disability allowance li tigi daqs il-paga minima ghal-persuni li ma' jistawx jahdmu.
- Dwar il-kaz fil-qorti bejn il-KNPD u l-MFA
- Dwar il-bidla fl-operat tal-KNPD

1.1.2 Il-Kumitat Konsultattiv tal-Persuni b'Diżabilitá Intellettwali tal-KNPD (KCC) għamel laqgħa li fiha ddiskuta l-pjan ta' ħidma għas-sena 2014.

1.1.3 Il-Kumitat Konsultattiv tal-Persuni b'Diżabilitá tal-KNPD (DPAC) għamel laqgħa li fiha ddiskuta r-regoli tal-proċedura ta' ħidma ta' dan il-Kumitat.

## 2. Ħidma Kontra d-Diskriminazzjoni

Waħda mir-rwoli l-aktar importanti tal-KNPD hi li tara li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilita') 2000 qed tiġi mħarsa u implimentata.

F'dawn ix-xahrejn komplew id-diskussjonijiet sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' vettjar ta' pjanti sottomessi lill-MEPA mingħajr ma jiġu kompromessi l-Linji Gwida *Access for All* maħruġa mill-KNPD.

Barra minn hekk, komplew il-laqgħat sabiex dawn il-Linji Gwida jiġu aċċetatti bħalha standards tal-MCCAA.

2.1 Il-ħidma sabiex tiġi mħarsa u implimentata din il-Liġi ssir primarjament mit-Taqsima tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (TLOI) fis-Segretarjat tal-KNPD. Din tirċievi u tinvestiga ilmenti ta' diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilita'. F'dawn ix-xahrejn, saru żewġ laqgħat tal-Bord tat-TLOI.

Tabella 2.1 Ilmenti ta' Diskriminazzjoni fuq Bażi ta' Diżabilita'

| Qasam | Miftuhin | Maghluqa | Diskuss |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Xoghol | 3 | 7 | - |
| Eduk | 5 | 2 | 4 |
| Access | 13 | 3 | 10 |
| Servizzi | 21 | 43 | 5 |
| Djar | - | 2 | - |
| Ass | - | - | - |
| Total | 42 | 57 | 15 |

L-ilmenti prinċipali kienu kif ġej:

2.1.1 *Edukazzjoni*

Div tal-Eduk – Ilment li student li qed jaghmel PHD mhux qed jinghata l-akkomodazzjoni li talab. Diskuss

2.1.2 *Aċċessibilita' Fiżika*

- Ilment li l-entratura ta' din id-dar mhiex accessibbli. Il-KNPD hadmet mal-management u gie pprovdut l-access mehtieg. Maghluq

1. Park Towers Supermarket – Ilment li l-parkegg riservat ghall-persuni b'dizabilita' qieghed jintuza ghat-trolleys. Il-KNPD kitbet lill-management li mal-ewwel ha hsieb biex is-sitwazzjoni titranga. Maghluq.
2. – Ilmenti dwar l-access alternattiv ta'lifts 'ghall-uzu tal-persuni b'dizabilita'. Il-KNPD qed tahdem fuq din is-sitwazzjoni. Diskuss
3. – ilmenti li l-Fuel u Petrol station li kienet qed tigi nstallata l-Fgura kienet ser taghlaq il-passagg fuq il-bankina b'mod li persuni li juzaw il-w/chair ma jghaddux. Il-KNPD kitbet lil MEPA u management mal-ewwel ikkoopera bis-shieh biex l-access jigi zgurat. Maghluq.

2.1.3 *Servizzi*

1. Johns Group – Ilment li s-servizz biex wiehed juza taxi accessibbli huwa iktar ghali. Il-KNPD ghamlet laqgha mal-management biex tikkjarifika s-sitwazzjoni u inaghtat assikurazzjoni li l-prezz mhux ser ikun ghola minn taxi li mhix accessibbli. Maghluq

2.2 Il-KNPD tirċievi wkoll diversi rikjesti għal konsultazzjoni jew parir rigward sitwazzjoni diversi li jkunu jolqtu persuni b'diżabilità differenti. Ħafna drabi, il-persuni konċernati jkollhom bżonn parir dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fis-sitwazzjonijiet partikolari kif ukoll dwar għand liema entità għandhom jirrikorru biex jieħdu s-servizz jew benefiċċju li jkollhom bżonn. F'dawn ix-xahrejn, il-ħidma ta' konsultazzjoni saret kif ġej.

Tabella 2.2 Konsultazzjonijiet dwar il-Qasam tal-Persuni b'Diżabilita'

| QASAM | TOTAL | TOTAL S'ISSA |
|---|---|---|
| Impjieg | 6 | 6 |
| Edukazzjoni | 2 | 2 |
| Aċċess | 8 | 8 |
| Servizzi | 13 | 13 |
| Djar | 3 | 3 |
| Assigurazzjoni | 3 | 3 |
| **Total** | **35** | **35** |

Talba minn omm li ghandha tifel b'dizabilita' li ghandu l-awtizmu u li bhalissa mhux imur skola minhabba li ma kienx qed jinghata sapport adekwat minhabba d-dizabilita' tieghu. Wara li giet mghotija l-informazzjoni mehtiega, giet inkuraggita wkoll li tikteb lill-KNPD jekk thoss li tixtieq issahhah it-talba taghha fic-cirkustanza ta' binha.

Tkompla jinghata sapport individwali b'mod regolari lil diversi persuni b'dizabilita' registrati mal-KNPD u li ghandhom bzonn diversi hiliet sabiex jimmassimizzaw l-indipendenza taghhom fis-socjeta'.

Uzu tar-Registru tal-persuni b'dizabilita'

Id-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali (DSHS) talab lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' sabiex tibghat materjal lill-persuni b'dizabilita' registrati mal-KNPD, li ghandhom eta' sa 59 sena u li tawna l-indirizz tal-email taghhom. Dan il-materjal kien jikkoncerna l-istudju li sar dwar l-Istandards fi djar residenzjali ghall-persuni b'dizabilita' u li konsultazzjoni pubblika kienet ser issir dwaru minn naha tal-Ministeru ghall-Familja u Solidarjeta' Socjali.

Kunsill Lokali talab lill-KNPD sabiex tibghat cirkulari lill-persuni b'dizabilita' registrati mal-KNPD u li joqoghdu fil-lokalita' rispettiva.

2.3 Minbarra x-xogħol li jsir permezz tat-TLOI, il-KNPD tagħmel ukoll Konsultazzjoni mal-MEPA sabiex tassigura li, skont il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, bini li huwa għall-użu tal-pubbliku jkun aċċessibli għal kulħadd. Dan il-bini jkun ikkunsidrat aċċessibli jekk ikun magħmul skont il-linji gwida 'Access for All' li jinkisbu mill-websajt tal-KNPD www.knpd.org.

2.3.1 Il-KNPD tieħu ħsieb li jsir *ivvettjar ta' pjanti li jiġu sottomessi lill-MEPA* għall-permessi ta' bini ġdid jew bini li se jiġi renovat sostanzjalment. Statistika dwar il-ħidma ta' vvettjar li saret f'dawn ix-xahrejn tidher f'Tabella 2.3.1.

**Tabella 2.3 Ivvettjar tal-Applikazzjonijiet tal-MEPA**

| Kemm Drabi Ġiet Ivvettjatha l-Applikazzjoni | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Darba** | | **Darbtejn** | | **Tlett Darbiet** | | **Aktar Minn Tlett Darbiet** | |
| | Subtotal | Total s'issa | Subtotal | Total s'issa | Subtotal | Total s'issa | Subtotal | Total s'issa |
| **Rakkomandat għall-approvazzjoni** | 24 | 67 | 30 | 90 | 16 | 38 | 10 | 21 |
| **Aktar informazzjoni mitluba** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Mhux rakkomandat** | 71 | 216 | 28 | 60 | 8 | 18 | 2 | 8 |
| **Diskussjonijiet għaddejjin** | 0 | 2 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |

2.3.2 Il-KNPD tagħmel ukoll *Spezzjoni tal-Bini* li għalih ikun intalab compliance certificate min-naħa tal-KNPD. L-ispezzjoni issir sabiex jiġi kkonfermat li dan sar skont il-linji gwida Access for All. Iċ-ċertifikat li toħroġ il-KNPD jindika jekk dan huwiex il-każ jew le.

**Tabella 2.3.2 Spezzjoni ta' Bini għall-Compliance Certificate**

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Bini kkonfermat aċċessibbli | 8 | 30 |
| Bini kkonfermat mhux aċċessibli | 7 | 19 |
| Pendenti | 0 | |

2.3.3 F'każijiet fejn ikun hemm xi diffikulta' biex bini jsir aċċessibli, jiġi applikat it-Test ta' X'Inhu Raġonevoli. Għal dan il-għan, *il-Bord tat-Test ta' X'Inhu Raġonevoli* jeżamina pjanti fejn jista' jkun hemm xi diffikulta'. Statistika dwar xogħol ta' dan il-Bord f'dawn ix-xahrejn tidher f'Tabella 2.3.3.

**Tabella 2.3.3 Bord tat-Test ta' X'Inhu Raġonevoli**

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Talba kkunsidrata raġonevoli (b'kundizzjonijiet) | 6 | 20 |
| Talba mhux ikkunsidrata raġonevoli | 2 | 6 |
| Aktar informazzjoni mitluba | 3 | 6 |
| Rikjesta għal estensjoni tal-garanzija bankarja | 0 | 1 |

2.3.4 Il-KNPD tivvettja ukoll pjanti ta' żvilupp li jkunu se jitressqu quddiem id-*Development Control Committee*. Ħidma f'dan ir-rigward twettqet kif jidher f'Tabella 2.3.4.

**Tabella 2.3.4 Development Control Committee**

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Approvati | 14 | 65 |
| Mhux approvati | 7 | 36 |
| Aktar Informazzjoni mitluba | 0 | 0 |
| Approvati b'kundizzjoni | 0 | 0 |

## 3. Żvilupp ta' *Policy*

Il-KNPD għandha r-rwol li tiżviluppa u tikkoordina ħidma fuq *policy* fil-qasam tad-diżabilita'. Dan tagħmlu billi tiżgura li kull programmi, miżuri, servizzi u inizjattivi tal-Gvern u l-aġenziji tiegħu li jolqtu il-qasam tal-persuni b'diżabilità jieħdu in kunsiderazzjoni d-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilita'. Hi taħdem ukoll biex tiżgura li jkun hemm koordinament bejn dawn l-entitajiet f'dan ir-rigward.

3.1 L-Edukazzjoni Inklussiva hu wieħed mill-aktar aspetti importanti tal-ħajja u l-KNPD kompliet tagħti kontribut qawwi f'dan is-settur matul dawn ix-xahrejn.

3.1.1 Il-KNPD ippartecipat f'intervista li qed issir fuq bazi nazzjonali biex issir studju fuq edukazzjoni inklussiva, dan hu studju li ha jdum ghaddej sena shieha. Din hija inizjattiva tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

3.2 Reserved Parking Personalizzat, saret laqgha mal-Ministru_tat-trasport l-Onorevoli Joe Mizzi, il-Perit Audrey Testa Ferrata De Noto (Direttur, TM), Cermen KNPD u Focal Point manager Emanuel Darmanin rigward il-parking "parking policy".

3.3 MEPA Saret laqgha ma' raprezentant tal-MEPA, Mr Ronnie Vella u Mr Richard Dimech mis-Segretarjat ghal-ipjanar u simplifikazzjoni rigward ic-cirkulari il-gdida iffirmata fis 27 ta' Marzu 2014 (2/14). F'dan il-meeting ukoll gie diskuss kif il-KNPD, is-Segretarjat u l-MEPA jistu itejbu l-hidma flimkien.

3.4 Saret laqgha mac-Chairperson tal-Housing, Ms Antoinette Vassallo fejn gie diskuss il-pjan kif il-KNPD u l-housing jistu jahdmu ahjar flimkien biex housing tal-Gvern issir izjed accessibli ghal-persuni b'dizabilita. Tkellimna wkoll kif il-KNPD u l-Awtorita tad-Djar jaghmlu "Agreement" flimkien.

3.5 Saret laqgha mas-Segretarjat ta' l-Anzjanita Attiva u Persuni b'Dizabilita rigward id-"Database" nazzjonali ta' persuni b'dizabilita, li mhux ha tkun obligatorja.

## 4. Servizzi Għal Ħajja Indipendenti

Sabiex tiżgura li persuni b'diżabilita' jkollhom kwalita' ta' ħajja aħjar u jkunu jistgħu jgħixu ħajja kemm jista' jkun indipendenti, il-KNPD toffri numru ta' servizzi mis-Segretarjat tagħha li tamministra hi direttament jew f'isem entita' oħra. Kull min japplika għal servizz amministrat mill-KNPD jitniżżel fir-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilita', li statistika dwaru tiġi ppublikata fir-Rapport ta' Ħidma tal-KNPD, li jista' jitniżżel mill-websajt www.knpd.org.

4.1 Minn Jannar 2012, iċ-Ċentru għall-Ħajja Indipendenti Sonia Tanti (l-iSTILC) ġewwa Ħal-Far, li kien finanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali,beda jiffunzjona b'mod sħiħ. Dan iċ-Ċentru jinkorpora

- *Helpline*
- *Equipment Demonstration Unit*
- *Wheelchair and Seating Clinic*
- *Adaptive Driving Unit*
- *Adaptive Driving Motoring School*

Persuni b'diżabilità jistgħu jagħmlu użu tas-servizz tal-iSTILC fuq diversi livelli. Dawn jinkludu telefonati għal informazzjoni u pariri permezz tal-Helpline; assessjar inizjali; assessjar aktar dettaljat fl-iSTILC; u riferiment lill-ETC. L-assessjar isir minn terapisti mħarrġa apposta permezz ta' proġett iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew.

Delegazzjoni mill Polonja zaret l-iSTILC fejn giet imdawra mal-post ghal-izjed informazzjoni fuq is-servizzi li jinghataw min hemm.

F'dawn ix-xahrejn, l-użu tal-iSTILC kien kif indikat f'Tabella 4.1.

**Tabella 4.1 Iċ-Ċentru għall-Ħajja Indipendenti Sonia Tanti**

| | Sub-Total | Total s'issa |
|---|---|---|
| Telefonati lill-*Helpline* | 591 | 1543 |
| Assessjar Inizjali | 87 | 264 |
| Assessjar dettaljat fl-iSTILC | 44 | 152 |
| Ressqu għat-test tal-liċenzja tas-sewqan | 0 | 0 |
| Riferiment lill-ETC | 0 | 0 |

**Tabella 4.1.1 Min għamel użu mill-iSTILC**

| **Sess** | | |
|---|---|---|
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nisa | 12 | 41 |
| Rġiel | 21 | 72 |
| | **33** | **113** |
| Eta' | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Taħt l-4 snin | 4 | 6 |
| Bejn 5 u 16 | 3 | 11 |
| Bejn 17 u 30 | 7 | 31 |
| Bejn 31 u 60 | 8 | 35 |
| Aktar minn 60 | 11 | 30 |
| | **33** | **113** |

| Tip ta' Diżabilita' | | |
|---|---|---|
| Physical | 31 | 107 |
| Intellectual | 12 | 38 |
| Psychological | 4 | 13 |
| Visual | 4 | 9 |
| Hearing | 1 | 4 |
| | **52** | **171** |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Membri tal-Familja/ Ohrajn li hadu pariri dwar apparat assistive ghall-persuni b'dizabilita' | **11 (8 females and 3 males)** | **39 (28 females, 10 males)** |

4.2 Il-Karta tal-Identita' Speċjali (KIS) tinħareġ għal persuni b'diżabilita' reġistrati mal-KNPD li jagħżlu li jkollhom din il-Karta. Meta persuna b'diżabilita' tiġi nieqsa, il-familjari tagħha jintalbu li jirritornaw il-KIS tagħha. Jekk ma jsirx dan, tinbagħat ittra bl-avukat. F'każ ta' KIS mitlufa, il-familjari jagħmlu affidavit.

**Tabella 4.2 Il-Karta tal-Identita' Speċjali**

| | Sub-Total | Total s'issa |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 312 | 984 |
| KIS ġodda | 197 | 616 |
| Applikazzjonijiet li ma ġewx aċċettti | 2 | 6 |
| KIS imġedda | 100 | 302 |
| KIS ritornati | 0 | 0 |
| Dikjarazzjoni rigward KIS mitlufa | 12 | 88 |
| Ittra mill-avukat rigward ir-ritorn tal-KIS | 0 | 14 |
| Numru ta' persuni b'diżabilita' li għandhom KIS | 0 | 0 |
| Numru ta' KIS li skadew | | 12810 |

Tabella 4.2.2 turi is-sess, eta' u tip ta' diżabilita' ta' min ingħata l-KIS matul dawn ix-xahrejn.

**Tabella 4.2.2 Min ingħata l-Karta tal-Identita' Speċjali**

| **Sess** | | |
|---|---|---|
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nisa | 112 | 325 |
| Rġiel | 85 | 291 |
| **Eta'** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Taħt l-4 snin | 5 | 26 |
| Bejn 5 u 16 | 7 | 27 |
| Bejn 17 u 30 | 8 | 22 |
| Bejn 31 u 60 | 44 | 145 |
| Aktar minn 60 | 133 | 396 |
| **Tip ta' Diżabilita'** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nuqqas fiżiku | 171 | 532 |
| Nuqqas intellettwali | 23 | 89 |
| Nuqqas psikoloġiku | 21 | 68 |
| Nuqqas ta' smigħ | 17 | 38 |
| Nuqqas ta' dawl | 18 | 47 |
| Nuqqas ieħor | 1 | 4 |

4.3 Is-Servizz Għajnuniet Speċjali (SGħS) jipprovdi pariri u assistenza finanzjarja lil persuni b'diżabilita' biex dawn jixtru apparat assistiv li jgħinhom itejbu l-kwalita' tal-ħajja tagħhom. Fil-perjodu kopert minn dan ir-rapport, l-SGħS ġie amministrat kif indikat f'Tabella 4.3.

**Tabella 4.3 Servizz Għajnuniet Speċjali**

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 38 | 145 |
| Numru ta' benefiċċjari | 24 | 84 |
| Applikazzjonijiet mhux eliġibbli | 5 | 16 |
| Applikazzjonijiet mwaqqa' | 0 | 1 |
| Applikazzjonijiet fuq il-waiting list | 9 | 43 |
| Apparat ritornat u ridistribwit lil applikanti oħra | 0 | 0 |
| Apparat ieħor ritornat | 1 | 1 |

*In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-SGħS matul dawn ix-xahrejn mhux eżatt daqs in-numru ta' applikanti minħabba li jkun hemm min ikun għadu ma ressaqx id-dokumenti kollha biex il-Bord ikun jista' jieħu deżiċjoni.

Tabelli 4.3.1 sa 4.3.3 jippreżentaw statistika rispettivament rigward l-għotjiet ta' flus li ngħataw f'dawn ix-xahrejn, l-etajiet ta' min ibbenefika minn dawn il-flus, u t-tip ta' apparat li ntxara.

**Tabella 4.3.1 Għotjiet ta' Flus mill-SGħS**

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Flus mogħtija | €35,421.97 | €78,359.42 |
| Numru ta' benefiċċjari | 46 | 100 |
| Għotja medja | €770.04 | €783.59 |

**Tabella 4.3.2 Min ibbenfika mill-SGħS**

| **Sess** | | |
|---|---|---|
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nisa | 10 | 37 |
| Rġiel | 14 | 47 |
| **Eta'** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Taħt l-4 snin | 1 | 4 |
| Bejn 5 u 16 | 7 | 17 |
| Bejn 17 u 30 | 3 | 16 |
| Bejn 31 u 60 | 8 | 31 |
| Aktar minn 60 | 5 | 16 |
| **Tip ta' Diżabilita'** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nuqqas fiżiku | 18 | 63 |
| Nuqqas intellettwali | 1 | 1 |
| Nuqqas psikoloġiku | 0 | 0 |
| Nuqqas ta' smigħ | 6 | 21 |
| Nuqqas ta' dawl | 0 | 0 |
| Nuqqas ieħor | 0 | 0 |

**Tabella 4.3.4 Tip ta' Apparat li Nxtara Permezz tal-SGħS**

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Siġġijiet tar-roti u walking aids | 7 | 31 |
| Sodod u apparat biex toqgħod bilqiegħda | 7 | 18 |
| Iġjene Personali | 1 | 2 |
| Apparat biex tikkomunika | 6 | 22 |
| Apparat biex terfa' | 2 | 6 |
| Apparat ieħor | 1 | 5 |

4.4 Ħlas Lura (Ekwivalenti għall-VAT) jingħata fuq apparat li hu għall-użu speċifiku tal-persuni b'diżabilita' u anke fuq kompjuters. Dettalji dwar kif ingħata ħlas lura f'dawn ix-xahrejn huma miġbura f'Tabella 4.4.

**Tabella 4.4 Ħlas Lura fuq Apparat Speċifiku u fuq Kompjuters**

| | Sub-total | Total sa issa |
|---|---|---|
| Ħlas lura | €4,780.00 | €1,797.30 |
| Numru ta' benefiċċjari | 35 | 11 |
| Medja ta' ħlas lura | €136.57 | €163.12 |

4.5 Il-Blue Sticker hu servizz li l-KNPD tamministra f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija. Hi tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissarju biex joħroġ il-Blue Sticker lil persuni li għandhom nuqqas sever ta' mobilita'. Għan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-KNPD titlob li jiġu rritornati Blue Stickers ta' persuna b'diżabilita' li ġew nieqsa. Jekk il-Blue Sticker tibqa' ma tiġix ritornata, tinbagħat ittra mill-Kummissarju tal-Pulizija. F'każ li l-Blue Sticker tkun mitlufa, il-familjari jagħmlu affidavit. Matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, xogħol f'dan ir-rigward sar kif jidher f'Tabella 4.5.

**Tabella 4.5 Il-Blue Sticker**

| | Sub-total | Total sa issa |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 338 | 1007 |
| Rakkomandati<br>- Permanenti<br>- Temporanju | <br>101<br>27 | <br>308<br>94 |
| Applikazzjonijiet mhux rakommandati | 6 | 28 |
| Applikanti li ma attendewx għall-appuntament | 3 | 25 |
| Applikanti li talbu appuntament ġdid | 17 | 51 |
| Blue Stickers imġedda | 120 | 385 |
| Blue Stickers miżmuma | 2 | 10 |
| Blue Stickers ritornati | 125 | 407 |
| Affidavit rigward Blue Stickers mitlufa | 2 | 7 |
| Ittra mill-Kummissarju tal-Pulizija rigward ir-ritorn tal-Blue Stickers | 0 | 1 |
| Numru ta' Blue Stickers li qed jintużaw bħalissa | | 7654 |

**Tabella 4.5.2 Min ingħata l-Blue Sticker**

| | | |
|---|---|---|
| **Sess** | **Sub-Total** | **Total s'issa** |
| Nisa | 121 | 366 |
| Rġiel | 127 | 421 |
| | | |
| **Eta'** | **Sub-Total** | **Total s'issa** |
| Taħt l-4 snin | 5 | 13 |
| Bejn 5 u 16 | 8 | 31 |
| Bejn 17 u 30 | 19 | 55 |
| Bejn 31 u 60 | 65 | 209 |
| Aktar minn 60 | 151 | 479 |
| | | |
| **Tip ta' Diżabilita'** | **Sub-Total** | **Total s'issa** |
| Nuqqas fiżiku | 229 | 725 |
| Nuqqas intellettwali | 28 | 93 |
| Nuqqas psikoloġiku | 14 | 55 |
| Nuqqas ta' smigħ | 16 | 30 |
| Nuqqas ta' dawl | 20 | 57 |
| Nuqqas ieħor | 0 | 2 |

4.5.1 Persuni li ma jingħatawx il-Blue Sticker jistgħu jappellaw mid-deċiżjoni permezz ta*l-Bord tal-Appell tal-Blue Sticker*, li hu mmexxi mill-KNPD u l-Kummissarju tal-Pulizija. Statistika dwar appelli li saru f'dawn ix-xahrejn tidher f'Tabella 4.5.1.

**Tabella 4.5.1 Bord tal-Appell tal-Blue Sticker**

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Appelli ġodda | **11** | **21** |
| Konferma tal-ewwel deċiżjoni | **10** | **17** |
| L-ewwel deċiżjoni mibdula | **1** | **4** |
| Pendenti | **2** | |

4.6 Il-Ministeru tal-Finanzi jagħti Eżenzjonji mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq u mill-Ħlas tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni fuq Vetturi. Il-KNPD tamministra dawn is-servizzi u tagħmel rakkomandazzjonjiet lill-Ministeru għal dawn iż-żewġ servizzi. Statistika dwarhom għal dawn ix-xahrejn tidher f'Tabelli 4.6.1 u 4.6.2 rispettivament.

**Tabella 4.6.1 Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq**

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 64 | 195 |
| Rakommandati | 81 | 214 |
| Mhux eliġibbli | 9 | 21 |
| Applikazzjoni mwaqqa’ | 3 | 9 |
| Saqsew għal appuntament ġdid | 9 | 19 |

**Tabella 4.6.1a Min ingħata Eżenzjonji mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq**

| **Sess** | | |
|---|---|---|
| | Sub-Total | Total s’issa |
| Nisa | 22 | 62 |
| Rġiel | 59 | 152 |
| Eta’ | | |
| | Sub-Total | Total s’issa |
| Taħt l-4 snin | 0 | 0 |
| Bejn 5 u 16 | 5 | 7 |
| Bejn 17 u 30 | 10 | 23 |
| Bejn 31 u 60 | 27 | 91 |
| Aktar minn 60 | 39 | 93 |
| Tip ta’ Diżabilita’ | | |
| | Sub-Total | Total s’issa |
| Nuqqas fiżiku | 74 | 193 |
| Nuqqas intellettwali | 10 | 19 |
| Nuqqas psikoloġiku | 8 | 10 |
| Nuqqas ta’ smigħ | 3 | 15 |
| Nuqqas ta’ dawl | 2 | 11 |
| Nuqqas ieħor | 0 | 1 |

**Tabella 4.6.2 Eżenzjonji mill-Ħlas tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni fuq Vetturi**

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 40 | 104 |
| Rakommandati | 43 | 112 |
| Mhux eliġibbli | 0 | 3 |
| Applikazzjoni mwaqqa’ | 10 | 14 |
| Saqsew għal appuntament ġdid | 7 | 15 |

Dawn l-eżenzjonijiet joħorġu kif jidher f'Tabella 4.6.2a.

**Tabella 4.6.2a Min ingħata Eżenzjoni mill-Ħlas tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni**

| **Sess** | | |
|---|---|---|
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nisa | 10 | 32 |
| Rġiel | 33 | 80 |
| Eta' | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Taħt l-4 snin | 1 | 4 |
| Bejn 5 u 16 | 6 | 10 |
| Bejn 17 u 30 | 6 | 16 |
| Bejn 31 u 60 | 12 | 45 |
| Aktar minn 60 | 18 | 37 |
| Tip ta' Diżabilita' | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nuqqas fiżiku | 37 | 97 |
| Nuqqas intellettwali | 10 | 21 |
| Nuqqas psikoloġiku | 5 | 8 |
| Nuqqas ta' smigħ | 1 | 6 |
| Nuqqas ta' dawl | 0 | 4 |
| Nuqqas ieħor | 0 | 0 |

**Tabella 4.6.2b Tipi ta' Vetturi Eżenti mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni**

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Karozza manwali | 12 | 37 |
| Karozza manwali modifikata | 0 | 0 |
| Karozza awtomatika | 20 | 47 |
| Karozza awtomatika modifikata | 2 | 7 |
| Vannijiet aċċessibli għas-siġġijiet tar-roti | 9 | 21 |

4.6.3 Il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment waqqaf bord biex jikkunsidra talbiet għal eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq vetturi u ħlas tal-liċenzja tat-triq. Dan il-bord jikkunsidra dawk it-talbiet minn persuni b'diżabilita' li minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali ma jkunux jistgħu jiġu kkunsidrati skont il-linji gwida maħruġa mill-istess Ministeru. Dan il-Bord jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet rigward *policies* u proċeduri f'dan il-qasam. F'dawn ix-xahrejn dan il-Bord iltaqa' darba.

4.7 Transport Malta tieħu ħsieb talloka Reserved Parking u Keep Clear Bays quddiem id-djar ta' persuni li għandhom nuqqas ta' mobilita' sever ħafna. Persuni li ma jingħatawx dan is-servizz jistgħu jappellaw mid-deċiżjoni permezz tar-Review Panel li hu mmexxi mill-KNPD u Transport Malta.

**Tabella 4.7 Reserved Parking u Keep Clear Bays Review Panel**

| | Sub-total | Total sa issa |
|---|---|---|
| Appelli ġodda | 18 | 37 |
| Konfermata l-ewwel deċiżjoni | 12 | 22 |
| L-ewwel deċiżjoni midbula | 6 | 14 |
| Ingħataw 'Keep Clear Bay' | 1 | 1 |
| Riferut għall-opinjoni tat-tabib | 0 | 0 |
| Pendenti | | 1 |

4.7.1 Il-KNPD kompliet bis-sehem tagħha fuq il-Bord tal-Parkeġġ Riservat, li jingħata lil persuni b'diżabilita fiżika severa għal quddiem ir-residenza tagħhom. Il-Bord huwa magħmul minn perit mit-Transport Malta li għandha wkoll ir-rwol ta' Chairperson fuq dan il-bord, tabib, persuna oħra mit-Transport Malta, rappreżentant mill-KNPD u rappreżentant mill-Local Council Association.

4.7.2 Saret laqgha flimkien mal-Kummisarju tal-Puluzija fejn gie diskuss l-infurzar tal-ligi fuq ir-"reserved parking" u l-abbuzi ta' "Blue Badges". Waqt din il-laqgha kien hemm prezenti Ms Antoinette Powell u Chair tal-KNPD.

## 5. Għarfien dwar l-Oqsma tad-Diżabilita'

Il-KNPD temmen bi sħiħ li minbarra servizzi lill-persuni b'diżabilita', xogħol fuq policy, miżuri u programmi favur il-persuni b'diżabilita', u l-implimentazzjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs, hu importanti wkoll li jiżdied l-għarfien dwar id-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilita' f'setturi differenti tas-soċjeta'.

5.1 Is-Sinjura Amy Camilleri Zahra u Cermen tal-KNPD, is-Sur Oliver Scicluna hargu lir-rekruti tal-puluzija fuq il-mudell socjali tad-dizabilita.

**Tabella 5.1 Il-Programm tat-Taħriġ dwar l-Oqsma tad-Diżabilita'**

| Tip ta' Kors | Numru ta' Studenti |
|---|---|
| Impjegati tal-MCAST (ESF3.102)* | 180 |
| Numru totali ta' studenti ġodda | 0 |

*dawn huma korsijiet li tkomplew mix-xahrejn ta' qabel

5.2 Iċ-Ċentru tar-Riżorsi Wenzu Dalli jinsab fis-Segretarjat tal-KNPD u hu miftuħ għall-pubbliku. Ir-riżorsi li kien hemm sal-aħħar ta' Frar 2012 kienu kif ġej.

**Tabella 5.2 Riżorsi u Membri Ġodda taċ-Ċentru tar-Riżorsi Wenzu Dalli**

| | Sub-total | Total s'issa | Total Globali |
|---|---|---|---|
| Kotba | 15 | 45 | 5438 |
| Perjodiċi | 4 | 20 | 579 |
| CDs | 0 | 0 | 69 |
| DVDs | 0 | 0 | 387 * |
| Membri | 2 | 5 | 1541 |

Matul dawn ix-xahrejn, użu ta' dan iċ-Ċentru sar kif indikat f'Tabella 5.2.1.

Tabella 5.2.1 Self ta' Riżorsi miċ-Ċentru tar-Riżorsi Wenzu Dalli

| | Sub-total | Total s'issa |
|---|---|---|
| Kotba | 27 | 106 |
| Perjodiċi | 5 | 20 |
| CDs | 0 | 1 |
| DVDs | 0 | 0 |
| Membri li użaw iċ-Ċentru | 10 | 32 |

### 5.3 **ESF3.105 – Nippromwovu l-Inklużjoni Soċjali tal-Persuni b'Diżabilità li għandhom Imġiba Diffiċli Ħafna**

Matul ix-xahar ta' Mejju kompla x-xogħol relatat mal-*Policy*. Tlestew l-intervisti ma' diversi entitajiet li jagħtu servizz lill-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli u saru wkoll żewġ *consultation workshops* f'Malta u ieħor f'Għawdex. Permezz ta' dawn l-inizzjattivi, ħarġu diversi temi li permezz tagħhom il-kuntrattur fassal linji gwida dwar ħidma ma' persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli.

Matul dan il-perjodu ġiet aġġudikata s-sejħa għal reklami t' għarfien dwar persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli. Din is-sejħa kienet maqsuma f'żewġ partijiet. L-ewwel parti kienet tikkonċerna l-produzzjoni tar-reklami u t-tieni parti x-xandir tar-reklami fuq ir-radju u t-televizzjoni. L-ewwel parti tas-sejħa ntrebħet minn *Reel 8 Productions* waqt li t-tieni parti ntrebħet minn *Media Coop*. Minnufih il-KNPD bidet taħdem maż-żewġ kuntratturi magħżula. Sal-aħħar ta' Ġunju tlestew ir-reklami u ġie bbukjat ix-xandir tagħhom li eventwalment għandu jsir f'Lulju. Sakemm ir-reklami kienu qed jinħadmu saret konsultazzjoni bejn il-KNPD u l-kuntrattur. Ukoll, il-KNPD iddiskutiet ir-reklami internament u ħadet ukoll l-opinjoni ta' nies involuti fis-settur.

Nhar l-Erbgħa 25 ta' Ġunju kienet organizzata l-konferenza tal-għeluq għall-Proġett ESF 3.105 ġewwa d-Dolmen Resort Hotel, il-Qawra. Għal din il-konferenza attendew aktar minn mitt persuna, fosthom ħaddiema li tħarġu bħala parti minn dal-proġett. Il-programm għal din il-konferenza tal-għeluq kien jinkludi diskorsi mill-Ministru Michael Farrugia, is-Segretarju Parlamentari Justyne Caruana, il-kelliem tal-Oppozizzjoni Stephen Spiteri u ċ-Chairperson tal-Alternattiva Demokratika Arnold Cassola. Waqt il-konferenza sar ukoll dikors ewlieni mill-Professur Anthony Osgood li kien involut fit-taħriġ, filwaqt li żewġ ħaddiema li ġew ttrenjati u persuna b'diżabilità li bbenefikat mit-taħriġ qasmu l-ersperjenzi tat-taħriġ tagħhom. Fl-aħħar tal-konferenza tqassmu ċ-ċertifikati lill-ħaddiema li temmew it-taħriġ b'suċċess.

## 6. Ħidma Oħra

### *6.1 ACCESS Disability Support Unit*

Matul dawn ix-xahrejn L-ADSC ltaqa' darba biss il-Ħamis 12 ta' Gunju fejn ġie organizzat seminar biex iddiskutejna l-Guidelines il-ġodda li ser jiġu ppublikati dalwaqt.

### *6.2 Laqghat tal-Bord tal-Housing Authority – Skema għal Persuni b'Diżabilita*

Il-KNPD tiġi rappreżentata fuq dan il-Bord. Matul dawn ix-xahrejn il-bord iltaqa darbtejn – fil-23 ta' Mejju u fl-20 ta' Ġunju, għalkemm jiena attendejt laqgħa waħda biss, dik ta' 23 ta' Mejju.

### 6.3 UNCRPD

Waqt dawn ix-xahrejn il-KNPD kompliet tagħti s-sehem tagħha fuq il-working group organizzat mid-DSWS dwar l-istandards għal djar residenzjali għal persuni b'diżabilita.

Mill-1 t'Ottubru l' hawn Il-KNPD bdiet tagħti l-kontribut tagħha ta' kull gimgħa fuq programm ta' radju fuq l-istazzjon RTK bl-isem Ugwali f'Kollox. Dan il-programm jitratta l-Konvenzjoni u ta' kull ġimgħa qed jiġi diskuss artiklu differenti mill-Kovenzjoni, flimkien mal-mistiedna. F'dawn ix-xahrejn saru 8 programmi. Il-Programm spiċċa fl-24 ta' Ġunju.

Fl-20 ta' Mejju kelli laqgħa ma s-Sur Manwel Darmanin, Manager fi ħdan il-Focal Point dwar il-Konvenzjoni fejn iddiskutejna r-rapport li kienet ħarġet il-KNPD fl-2013 dwar l-implimentazzjoni ta' l-istess Konvenzjoni.

Fit-30 ta' Mejju ġiet organizzata laqgħa ma' l-Onor. Chris Agius dwar l-isports u l-faċilitajiet ta' l-isport għal persuni b'dizabilita. Għal din il-laqgħa ġew mistiedna persuni b'dizabilita li jagħtu s-sehem tagħhom fil-qasam ta' l-isport u d-dizabilita.

Fit-30 ta' Ġunju attendejt għal seminar li ġie organizzat mill-Focal Point dwar il-Konvenzjoni.

### 6.4 Konferenzi jew Lagħat Oħra

Fis-16 ta' Mejju Ms Amy Camilleri Zahra flimkien ma Ms Alison Zammit iltqajna ma' rapprezentanti tal-Ministeru ta' Turizmu dwar progett ta' l-ESF li jixtieqx jaħdmu fuqu.

Fid-29 ta' Mejju il-KNPD kienet raprezentata waqt konferenza organizzata mill-NCPE fejn dak in-nhar il-KNPD inghatat ic-certifikat ta' l-Equality Mark b'mod formali.

Fis-6 ta’ Ġunju ġejna mistienda għal laqgħa ma’ rapprezentanti mill-Ministeru ta l-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zgħar. Din il-laqgħa kienet tirrigwarda l-Ligi dwar l-Intraprizi z-Zghar.

Fid-9 ta’ Gunju is-Sin Amy Camilleri Zahra attendiet laqgħa, flimkient mac-Chair KNPD, mac-Chair u Direttur ta’ l-V18. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss l-izvillupi li qed isiru f’dan ir-rigward u l-partecipazzjoni tal-persuni b’dizabilita fl-attivitajiet li qed isiru lejn il-V18.

Fit-23 ta’ Ġunju saret laqgħa mal-membri ta’ l-OHSA dwar kaz partikolari li nġieb quddiem l-EOCU. Barra minnhekk ġiet diskussa wkoll il-liġi ta’ l-OHSA u l-proċedura li jagħmlu uzu minnha l-OHSA dwar kazijiet li jiġu mressqa lilhom.

F'dawn ix-xaghrejn il-KNPD giet rapprezentata fuq il-board tal-Malta Community Chest Fund ghal-darbtejn mic-Chair tal-KNPD.

Il-KNPD ippartecipat f'seminar organizzat mil-ETC rigward il-Politika Nazzjonali tax-xoghol.

Ic-Chair tal-KNPD iltaqa ma' xi organizzazjonijiet ta' persuni b'dizabilita fosthom id-Deaf Association, Equal Partners, GAVI, Dar il-Wens (residenza ghal-persuni b'dizabilita) u Dar il-Kaptan.

Il-KNPD kienet mistiedna biex tipparteci f'attivita organizzata mil-Equal Partners fejn niedu progett li hadmu fuqu persuni b'dizabilita stess, rigward informazzjoni fuq il-belt kapitali ta' Malta l-Belt Valletta.

Ic-Chair tal-KNPD ippartecipa f'seminar ta gurnata li kien rigward it-tfal.

Il-KNPD kienet mistiedna ghal-prezentazzjoni imtella mil-Agenzija Sapport fejn persuni b'dizabilita intelletwali wrew il-kapacitajiet artistici taghhom fuq il-palk. L-attivita kien jisimha "Talent Unmasked".

Il-KNPD ippartecipat f'seminar organizzat mil-FITA fejn Ms Antoinette Powell u ic-Chair tal-KNPD kienu prezenti. Waqt dan is-seminar kien hemm prezentazzjonijiet min delegazzjoni ta' organizzazjonijiet Polakki. Il-prezentazzjonijiet kienu rigward l-accessibilita fil-qasam tat-teknologija.

Ic-Chair tal-KNPD mexxa il-konsultazzjoni publika li saret rigward l-Standards ta' djar residenzjali.

Il-KNPD kienet mistiedna tkun prezenti esebizzjoni ta' l-arti b'risq il-Malta Guidedog Foundation gewwa San Anton, fejn ukoll kien hemm prezenti l-President ta' Malta, Marie Louise Coleiro Preca.

Il-KNPD kienet mistiedna tkun prezenti ghal-prezentazzjoni li saret ma' tfal mil-iskejjel maintstream flimkien ma studenti li jmorru San Miguel.

Il-KNPD attendiet flimkien mad-Deaf Association ghal-laqgha li kellhom mal-Ministru Michael Farrugia u s-Segretarju Parlamentari Justyne Caruana fejn gie diskuss il-futur ta' l-interpreti tal-lingwa tas-sinjali.

Il-KNPD kienet mistiedna tippartecipa f'attivita mtella min Special Olympics Malta u l-Puluzija fejn ukoll ic-Chair tal-KNPD ha sehem f'dibatitu li sar bejn persuni b'dizabilita u genituri li jghamlu parti min Special Olympics Malta.

Il-Ministru Michael Farrugia u s-Segretarju Parlamentari Justyne Caruana ghamlu zjara fil-KNPD fejn gew prezentati r-rapport ta' hidma ghas-sena 2013 mil ex-Chair Mr Joe Camilleri u ic-Chair Mr Oliver Scicluna.

Saret laqgha mas-Segretarju Parlamentari ghal-Kunsilli Lokali, l-Onorevoli Dr Stefan Buontempo fejn il-KNPD proponiet li jkun hemm ufficjal inkarigat min ilmenti li l-KNPD tircievi ta' kuljum rigward problemi ta accessibilita fil-lokalitajiet diversi.

Saret laqgha mal-Kap Ezekuttiv tal-FSWS, Mr Alfred Grixti, Chair Mr Joe Gerada, il-Kap Ezekuttiv ta' l-Agenzija Sapport Mr Mauro Farrugia, ic-Chair tal-KNPD u Ms Antoinette Powell fejn giet diskussa t-transizzjoni tas-servizzi mil-KNPD ghal-Agenzija Sapport.

---

Aktar tagħrif dwar il-ħidma tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' tista' tinkiseb mill-websajt www.knpd.org jew mis-Segretarjat tal-KNPD f'St Venera.

Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita'
Bugeia Institute
Triq Braille
St Venera
SVR 1619

Tel: 2278 8555
Fax: 2278 8490
SMS biss: 7978 8555
Email: helpdesk@knpd.org
Facebook: http://www.facebook.com/#!/knpd.malta
Twitter: https://twitter.com/#!/KNPDmalta

---